**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2019 — Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-410/18)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-imballaġġi tal-metall — Deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")***

(2019/C 164/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Silgan Closures GmbH (Munich, il-Ġermanja), Silgan Holdings, Inc. (Stamford, Connecticut, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: H. Wollmann, D. Seeliger, R. Grafunder u V. Weiss, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Christoforou, B. Ernst, G. Meessen, C. Vollrath u L. Wildpanner, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 2466 finali, tad-19 ta' April 2018, li permezz tagħha l-Kummissjoni bdiet proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE fil-Każ AT.40522 — Pandora.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Silgan Closures GmbH, u Silgan Holdings, Inc., għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea.*

4) *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kunsill għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess relatati mat-talbiet għal intervent.*

([1]) ĠU C 285, 13.08.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2019 — Haba Trading vs EUIPO — Vida (vidaXL)**

**(Kawża T-503/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deiċżjoni")***

(2019/C 164/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti*: Haba Trading BV (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: B. Schneiders u A. Brittner, avukati)